# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002**

**Kawza Numru: 34**

**Citaz. Nru. 1524/00 GV**

Doc. No. 234-02

**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance Plc. u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mario Abela, abbazi tal-polz ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi**

**Vs**

**Jesmond Tonna**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fl-4 ta' Gunju 1999, ghall-habta ta' 12.20 p.m. waqt illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBG 849 proprjeta' ta' Mario Abela, assigurat tas-socjeta' attrici kienet parkeggjata gewwa St. Margaret Street, San Gwann, dina sfat milquta mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBE 582, misjuqa mill-konvenut, b'mod illi giet distrutta kompletament;

Premess illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Premess illi d-danni konsegwenzjali sofferti fil-vettura ta' l-imsemmi Mario Abela bhala kawza ta' dan l-incident jammontaw ghal tlett elef erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm3,438.00), kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-istess Mario Abela kien assigurat mas-socjeta' attrici permezz ta' polza tat-tip *comprehensive*;

Premess illi s-socjeta' attrici kellha taghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-assigurat taghha Mario Abela, abbazi tal-polza tat-tip *comprehensive* u skond il-Ligi, u giet minnu debitament surrogata fid-drittijiet kollha tieghu, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-konvenut, minkejja li gie nterpellat biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fuq imsemmija, baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiklu li sehh nhar l-4 ta' Gunju 1999, ghall-habta ta' 12.20 p.m. gewwa St. Margaret Street, San Gwann illi fih giet destrutta kompletament il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBG 849 proprjeta' ta' Mario Abela, assigurat tas-socjeta' attrici, kif fuq premess;

2. Tikkundannah sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm3,438.00), jew somma ohra verjuri li tista' tirrizulta dovuta, anke bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru 1999 u ta' dik illi qieghda tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' Elmo Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance p.l.c., u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru, 1999 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident kif titlob il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l- 4 ta' Gunju 1999 gewwa St Margaret Street, San Gwann ili fih giet distrutta kompetament il-vettura FBG 849 proprejta ta' Mario Abela, assigurat tas-socjeta' attrici;

2. tikkundannah sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,438.00 jew somma ohra verjuri li tista' tirrizulta dovuta, anke bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati billi hu mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mix-xhieda ta' P.S. 621 Pierre Calleja, mill-okkorrenza u mix-xhieda tal-assikurat ta' l-atturi, jirrizulta li l-incident gara kif qal l-istess konvenut (ara fol. 20):

*He was driving his truck (bowser) and all of a sudden it developed a malfunction in the brake system. He jumped off the truck and same vehicle hit several parked vehicles and came to a stop dashing into a villa wall.*

Illi jirrizulta li l-vettura ta' l-assikurat ta' l-atturi kienet wahda minn dawn il-vetturi pparkjati u ovvajment l-assikurat ta' l-atturi ma kellu ebda tort ghall-incident.

Illi konvenut ghalkemm inghata diversi differimenti biex jixhed baqa' ma deherx u ma xehedx.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DANNI**

Dwar it-talba ghad-danni, xehed ampjament Francis Paul Ebejer li pprezenta wkoll id-dokumentazzjoni biex jiggustifika t-talba tas-socejta' attrici.

L-atturi fil-fatt ghandhom jiehdu b'kollox is-somma ta' Lm3,438.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socejta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija tmienja u tletin lira Maltin (Lm3,438), bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**